**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 27 ta' Marzu 2019**

**Talba Nru: 515/18 CZ**

**Karl Magri (ID 10464 (M) u martu Jacqueline Magri (ID 186867 (M)**

**vs.**

**Mario Camilleri (ID 100068 (M) u martu Velmila Camilleri**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba ta' l-atturi mressqa fit-30 t'Ottubru 2018 li biha talbu lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' erbat'elef u mitejn Euro (€4,200) dovut hekk sond id-dikjarazzjoni ta' debitu hawn annessa u mmarkata Dok. A, tas-7 t'April 2018, flimkien mal-ispejjez inkluz tal-ittra ufficcjali datata 23 t'April 2018 (1474/2018) u l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qieghed jigi prezentat kontestwalment ma' din l-azzjoni, u l-imghax skond il-ligi mid-data tad-dikjarazzoni ta' debitu. L-ammont huwa dovut bhala rifuzjoni ta' prezz imhallas ghal vettura li kienet difettuza.

Ra r-risposta tal-konvenuti mressqa fl-14 ta' Novembru 2018 fejn eccepew:

Illi kul ftehim li sar bejn il-kontedenti, dejjem sar bejn l-esponenti u Karl Magri. Ghaldaqstant, l-iskrittura tas-7 t'April 2018, esebita mir-rikorrenti Karl Magri bhala Dok. A hija nulla u bla ebda validita' u effett fil-ligi u dana stante illi tali skrittura la tinkludi lil mart ir-rikorrenti u wisq anqas lil mart l-esponenti.

Illi l-azzjoni attrici hija wahda intempestiva, stante illi l-vera ftehim li sar bejn il-kontendenti kien illi l-esponenti jbiegh il-vettura Volkswagen Beetle numru GOG-018 u sussegwentement ihallas l-ammont miftiehem ta' erbat'elef u mitejn Euro (€4,200). S'issa, l-esponenti ghadu ma bieghx l-imsemmija karozza u ghaldqstant l-ammont ghadu mhuwiex dovut.

Illi fi kwalsiasi kaz l-ebda imghax mhu dovut.

It-Tribunal:

Ra l-atti;

Sema' x-xiehda;

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Sema' t-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijet.

It-Tribunal qies ix-xiehda ta' l-attrici[1], l-attur[2], u l-konvenut[3].

Ikkunsidra:

Illi l-attrici xehdet illi l-atturi marru ghand il-konvenut peress li raw riklam ta' karozza li ried ibiegh. Il-karozza ghogbithom u ddecidew li jixtruha. Ftehmu fuq xi xoghlijiet li kellu jaghmel il-konvenut qabel il-konsenja, izda malli hadiehlhom mill-ewwel bdiet tixghel bozza ta' ABS. Sussegwentement, hargu difetti ohrajn, fosthom seat tal-passiggier imkisser, u wara, l-karozza bdiet tintefa' l-hin kollu, u dan waqt li kien qed isuqha l-konvenut stess. Il-bozza ta' l-ABS baqghet tixghel. F'certu punt l-atturi qalu lill-konvenut biex jiehu l-karozza lura, u dan accetta, u ffirma l-iskrittura a fol. 3 tal-process. L-attrici prezentat ukoll ir-ricevuti tal-hlas tal-mechanic. Qalet ukoll li hija ma nsistietx li tiffirma fuq l-iskrittura ghaliex ma basritx li l-konvenut ha jidhak bihom.

Illi l-attur xehed u esebixxa r-rendikont tal-bank minn fejn irrizulta li kien hallas tlett'elef u seba' mitt Euro (€3,700) bil-quddiem.

Illi l-konvenut xehed u esebixxi kuntratt tax-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwistji bejn u bejn il-konvenuta, u li bih introducew bejniethom ir-regim tas-separazzjoni tal-beni, u qal li l-propju ftehim kien illi l-karozza in kwestjoni tinbiegh u s-somma

[1] Fol. 16 u fis-seduta ta' l-20 ta' Frar 2019
[2] Fol. 25 u fis-seduta ta' l-20 ta' Frar 2019
[3] Seduta ta' l-20 ta' Frar 2019

mitluba mill-atturi tithallas mal-bejgh tal-karozza. Il-konvenut ikkonferma wkoll illi huwa ffirma l-iskrittura a fol. 3 tal-process.

Illi lit-Tribunal jirrizultalu b’mod car illi l-konvenut huwa debitur ta’ l-atturi, kemm ghax accetta l-karozza mibjugha lura u allura kellu jintradd lura l-prezz tal-bejgh, izda aktar minn hekk, minhabba l-iskrittura tas-7 t’April 2018 li fiha rrikonoxxa li ghandu jhallas lill-attur is-somma ta’ erbat’elef u mitejn Euro (€4,200) rapprezentanti flejjes li l-atturi kienu ghaddewlu ghall-karozza GOG-018 li kien bieghhilhom.

Illi l-konvenuti jsostnu illi mart il-konvenut ma kinitx parti fl-iskrittura msemmija u ghalhekk din ma ghandha l-ebda validita’ fil-konfront taghha. Ghalkemm il-konvenuti ma tawx eccezzjoni specifika f’dan is-sens, il-konvenut ipprezenta l-kuntratt tas-separazzjni tal-beni bejn u bejn martu, li jirrizulta li gie pubblikat fl-2016, u allura qabel ma sar dan in-negozju u qabel ma giet iffirmata l-imsemmija skrittura. Jirrizulta ghalhekk illi l-konvenuta ghandha tigi mehlusa mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi mhux l-istess jista’ jinghad pero’ ghall-konvenut. Ghalkemm dan isostni illi l-iskrittura in kwestjoni hija nulla u bla effett, u dan peress li ma ffirmathiex l-attrici, minn ezami ta’ l-istess skrittura jirrizulta illi din fil-verita’ mhijiex ftehim fejn kull parti ghandha l-obbligi taghha, izda dikjarazzjoni ta’ l-obbligi li l-konvenut ghandu, min-naha tieghu biss, ghar-radd lura lill-attur ta’ erbat’elef u mitejn Euro (€4,200) li kienu gew fdati lilu in konnessjoni ma’ din il-karozza.

Illi galadarba l-attur/i ma dahlu fl-ebda obbligu jew att ta’ amministrazzjoni straodinarja bl-iskrittura in kwestjoni, u gialadarba dik l-iskrittura giet iffirmata mill-konvenut biex jassumi, wahdu, l-obbligu tal-hlas, m’hemmx raguni ghalfejn l-imsemmija skrittura ghandha titqies nulla u bla effett. Lanqas ma b’xi mod itellef il-validita’ ta’ l-iskrittura l-fatt li l-konvenuta ma ffirmatx, u dan ghaliex, a bazi tal-

kuntratt ta' l-2016 prezentat mill-konvenut stess, u partikolarment klawsola hamsa (5) il-konvenut seta' jaghmel dawk l-atti kollha civili u kummercjali li jidhirlu, minghajr il-kunsens tal-mara.

Illi, fil-mertu, il-konvenut innifsu ammetta waqt ix-xiehda tieghu li l-ammont reklamat mill-atturi huwa dovut, bid-differenza li huwa ma jaqbilx ma' l-atturi dwar il-modalita' tal-hlas, ghaliex hu jikkontendi li t-termini tal-hlas kienu fil-verita' differenti minn dawk li kienu mnizzla fuq il-kitba a fol. 3 tal-process. It-Tribunal pero' josserva li dak li qed jallega l-konvenut dwar il-modalita' tal-hlas ma gie ppruvat bl-ebda mod.

Ghaldaqstant it-Tribunal jara li dak li qed jitolbu l-atturi gie sodisfacentement pruvat, u l-eccezzjonijiet tal-konvenut ma jregux.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi:

1. Jilqa' parzjalment l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u konsegwentement jehles mill-osservanza tal-gudizzju lill-konvenuta biss;
2. Jichad il-bqija ta' l-eccezzjoniet, u jilqa' t-talbiet ta' l-atturi, u jordna lill-konvenut Mario Camilleri jhallas lill-atturi s-somma ta' erbat'elef u mitejn Euro (€4,200), bl-imghax mid-data tal-prezentata ta' din il-kawza sal-hlas effettiv.

L-ispejjez jithallsu kollha mill-konvenut Mario Camilleri.

**Dr. Claudio Żammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu’

Deputat Registratur